# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2022**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 936/2017 JVC**

**Diane Zammit (K.I. Nru 527559M)**

**vs**

**(1) Mark Borg (K.I. Nru 239665M) u**
**(2) Philip Borg (K.I. Nru 636261M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Diane Zammit ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi Carmelo Borg, missier il-partijiet, kien jiggestixxi n-negozju *Tower Self Service* ghal diversi snin, liema negozju kien originarjament jinsab fi 46, Triq it-Torri, Sliema;

2. Illi eventwalment bdew jghinu fit-tmexxija tan-negozju ta' missierhom il-partijiet ta' din il-kawża, ċioe’ Diane Zammit, Mark Borg, Philip Borg u anke ohthom Josephine;

3. Illi Carmelo Borg miet intestat fis-26 ta' Lulju, 1994, u skont il-ligi halla bhala l-werrieta tieghu lil martu Maria Assunta Borg u lill-attriċi, l-intimati u l-ahwa taghhom 'l ohra;

4. Illi permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Settembru, 1994, ffirmata quddiem in-Nutar Mark Coppini, il-partijiet flimkien ma' ommhom Maria Assunta Borg u l-ahwa taghhom ‘l ohra ftehmu, li n-negozju ta' *Tower Self Service* kellu jigi diviż fi tlett ishma bejn ommhom Maria Assunta Borg, Philip Borg u Mark Borg, fejn kull wiehed żamm terz indiviż ta' dan in-negozju;

5. Illi f’dan il-ftehim il-partijiet qablu ukoll is-segwenti:

> *‘The parties agree that in case of transfer of share/s in the said business "Tower Self Service", by appearer Maria Borg, that: (a) said share/s shall first be offered to the other partners Philip and Mark Borg; and (b) said share/s shall be transferred on the basis of a valuation prepared in terms of the audited accounts of the business at the relative period of transfer.’*

6. Illi eventwalment il-partijiet flimkien ma' ommhom u l-ahwa taghhom ‘l ohra resqu ghall-kuntratt ta' divizjoni datat 5 ta' Dicembru, 1998 u li gie ppubbikat fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, f’liema att il-partijiet qablu li ma jibqghux iżjed fi stat ta' komunjoni u saret diviżjoni, iżda fi rigward in-negozju "*Tower Self Service*" il-partijiet kienu qablu li:

> '... *ghal kull effett tal-Ligi jikkonfermaw l-iskrittura privata li saret bejniethom fil-hamsa ta' Settembru elf disa' mija u erbgha u disghin (5-9-1994) sakemm dina tirrigwarda c-cessjoni u ftehiem fuq "Tower Self Service" fi Sliema, hadd ma jista' jbiegh is-sehem tieghu tad-dar minghajr il-permess bil-miktub tas-sidien l-ohra kollha.’*

7. Illi omm il-partijiet Maria Assunta Borg mietet fl-20 ta' Settembru, 2015 u permezz tal-ahhar testment taghha hija innominat bhala l-eredi universali taghha lit-tmien uliedha, ċioe Monica, Josephine, Diane, Philip, Mark, Rose, Micol u Emil ahwa Borg;

8. Illi meta kienet qieghda issir id-diviżjoni tal-assi ta' Maria Assunta Borg, irriżulta li t-terz indiviż li hija kellha min-negozju *Tower Self Service* ma deher imkien fid-dokumentazzjoni/ inventarju relattiv;

9. Illi meta l-esponenti gibdet l-attenzjoni ghal dan, gie spjegat lilha li tali negozju kien gie xolt u li llum ma hemm l-ebda negozju bl-isem ta' *Tower Self Service*;

10. Illi iżda dan m'huwiex minnu ghaliex in-negozju baqa' tant jikber tul is-snin li ma baqax jopera mill-istess stabbiliment fi

46, Triq it-Torri, Sliema, u minflok iċaqlaq ghal stabbiliment iehor ferm akbar f'High Street, Sliema u kompla bin-negozju bl-isem *Tower Supermarket* (nonostante li ma kienx ghadu jinsab fi Triq it-Torri) u dan kollhu sehh meta ommhom Maria Assunta Borg kienet ghadha hajja;

11. Illi in oltre, l-istabbiliment l-antik ta' minn fejn kien qieghed jigi operat in-negozju ta' *Tower Self Service*, ghadu ukoll jsir qliegh minn fuqu stante li gie issollukat;

12. Illi l-esponenti qatt ma inghatat risposta konkreta dwar x' sar minn dan is-sehem ta' omm il-partijiet hlief li in-negozju gie likwidat u nonostante li l-esponenti talbet anke dokumentazzjoni sabiex dan jigi kkonfermat, tali dokumentazzjoni qatt ma giet mghoddija lilha;

13. Illi in vista ta' tali nuqqas ta' koperazzjoni da parte tal-intimati sabiex jigi iċċarat x' sar minn dan it-terz indiviż tan-negozju in kwistjoni, l-esponenti ma kellhiex triq ohra ghajr li tintavola din il-kawża sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha u dan specjalment fid-dawl tal-fatt li Micol Borg, l-ezekutrici testamentarja tal-mejta Maria Assunta Borg, ma ghamlet xejn biex tinvestiga u tara x' sar minn dan is-sehem;

Ghaldaqstant, jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u neċessarja, tiddikjara li t-terz indiviż ta' omm il-partijiet, ċioe ta' Maria Assunta Borg tan-negozju bl-isem "*Tower Self Service*" li illum

huwa magħruf bħala "*Tower Supermarket*", jappartjeni in kwantu għal sehem indiviż ta' wieħed minn tmienja lir-rikorrenti;

2. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, qed jiksru u jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti stante qed iċaħħduha milli jkollha pussess ta' dan is-sehem li jappartjeni lilha ta' dan in-negozju;

3. Tillikwida t-terz indiviż tan-negozju "*Tower Self Service*" li llum huwa magħruf bħala "*Tower Supermarket*" li kien jappartjeni lil Maria Assunta Borg;

4. Tordna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti somma ekwivalenti għal wieħed minn tmienja (1/8) mill-assi hekk liwidati, li jikkorespondi għas-sehem appartenenti lir-rikorrenti minn dan dan it-terz indiviż tan-negożju *de quo*;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali li giet ippreżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Awwissu, 2017 u li jġib in-numru ta' referenza 3085/2017, li huma minn issa ngunti in subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali mill-20 ta' Settembru, 2015 sad-data tal-ħlas effettiv u kif ukoll b' riserva ta' kull azzjoni ulterjuri, spettanti lir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati jew min minnhom.'.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mark Borg u Philip Borg li taqra kif isegwi:

**'Fatti:**

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati, u fil-fatt in-negozju mertu tal-kawza baqa' jigi gestit fl-istess fond <u>46 Tower Road, Sliema</u> sa kemm dan in-negozju inghalaq;

2. Illi dwar il-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti jipprecizaw li l-attrici kienet ghal xi zmien tahdem wara c-cheese counter jew bhala cashier u ta' dan ix-xoghol kienet tithallas bhal kull impjegat iehor. Fil-fatt hija ilha li waqfet xi tletin sena ilu u sussegwentement ma tat ebda kontribut ghan-negozju;

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati; il-wirt ta' Carmelo Borg gie likwidat u divisi bejn l-eredi kollha ftit wara l-mewt tieghu;

4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba u fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi ma jirriflettux korrettement dak li gie miktub u maqbul bejn il-partijiet;

5. Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

6. Illi dwar il-fatti dikjarati fis-seba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici jinghad ukoll ghall-kompletezza li l-attrici accettat il-wirt ta' ommha; illi intant jigi precizat li l-ftehim dwar in-negozju f' Tower Self Service kien jirrigwarda biss lill-Maria Borg, Philip Borg u Mark Borg u l-ahwa l-ohra ma kellhom ebda sehem fil-gestjoni u/jew xi jsir minn dan in-negozju.

7. Illi dwar l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici jirrizulta li fid-data tal-mewt ta' Maria Assunta Borg ma kien hemm ebda sehem minn negozju Tower Self Service x'jitnizzel fl-inventarju u dan kif ser jigi spjegat dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza; dan in-negozju fid-data tal-mewt tal-omm ma kienx ghadu jesisti.

8. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati.

9. Illi dwar l-fatti dikjarati fl-ghaxar paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ghandu jinghad li dawn ma huma xejn hlief fantasia tar-rikorrenti. It-<u>Tower Supermarket</u> jappartjeni lil persuna ohra u Maria Assunta Borg qatt ma kellha ebda sehem jew dritt fiha. Irid jinghad ukoll li n-negozju li kien jigi gestit fit-<u>Tower Self Service Store</u> gie xjolt ghall-habta tal-bidu tas-sena 2000 u dwar dan il-fatt Maria Assunta Borg kienet konxja. Inoltre ghandu jigi carat li l-konsistenza tal-wirt ta' Maria Assunta Borg hija prova li trid issir mir-rikorrent.

10. Illi dwar l-fatti dikjarati fil-hdax il-paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici jinghad li l-post qieghed jinkera u ma hi qieghda ssir ebda operazzjoni ta' negozju minnha da parti tal-eccipjenti.

11. Illi l-fatti dikjarati fit-tnax il-paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi fil-fatt meta r-rikorrenti talbet sodisfazzjon l-esponenti qalulha ezattament x' kien sehh.

Evidentement ir-rikorrenti ma kienitx sodisfatta mir-risposta imma dan ma jfissirx li ma nghatatx risposta.

12. Illi l-fatti dikjarati fit-tlettax il-paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati. L-attrici fethet il-kawza mhux ghax ma sabitx kollaborazzjoni izda ghaliex ma rieditx temmen il-fatti u ghaliex trid tipprova tahtaf xi haga li mhux taghha. Sa fejn jafu l-esponenti, Micol Borg li hija oht il-partijiet, agixxiet korrettement fir-rigward. Bhala fatt fid-data tal-mewt tal-omm ma kien hemm l-ebda sehem ta' l-ebda negozju li kien jappartjeni lill-omm u n-negozju Tower Self Service kien ilhu perijodu twil, snin shah, ben hmistax il-sena, li nghalaq ghas-sodisfazzjon ta' t-tlieta kemm huma. Micol Borg agixxiet sewwa u ma ghamlet xejn ghaliex irrizultalha li ma kien hemm l-ebda negozju gestit jew attiv.

**Eccezzjonijiet**

1. L-attrici u lanqas ommha qabilha ma kellhom jew ghandhom ebda sehem mit-"Tower Supermarket" jew min-negozju gestit fih, il-proprjeta ta' liema hija ta' terzi u dan kif ser jigi ppruvat matul is-smigh tal-kawza.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li n-negozju maghruf bl-isem "Tower Self Service Store" li kien jigi gestit mill-fond numru 46, Tower Road, Sliema u f' liema negozju r-rikorrenti tghid li ghandha sehem, inghalaq u gie xjolt ope legis u fi kwalsiasi kaz bl-gharfien ta Maria Assunta Borg.

3. Fi kwlaunkwe kaz jigi eccepit li r-rikorrenti bhala werrieta ta' ommha Maria Assunta Borg hija marbuta b' dak li setghet ghamlet jew naqqset milli taghmel l-istess Maria Assunta Borg tul hajjitha.

4. Jigi eccepit ulterjorment li kull azzjoni ghall-likwidazzjoni ta' xi sehem jew qligh jew ghall-ghoti ta' rendikont jinsab preskitt bid-dekors tat-terminu ta' hames snin.

5. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.’.

Rat l-affidavits, xiehda, skrittura privata, kuntratti, inventarju, licenzji, applikazzjonijiet, reklami, diversi memorandum and articles of association, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tal-25 ta’ Jannar, 2018 Dr John Refalo ghall-intimati ddikjara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors tal-intimati ntavolat nhar il-31 ta’ Jannar, 2019 fejn permezz tieghu talbu li stante li d-dokument a fol. 127 tal-process huwa falz billi r-rikorrenti tallega li ma giex iffirmat minnha dan ghandu jigi sfilzat, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar is-26 ta’ Frar, 2019 fejn opponiet ghat-talba u rat id-digriet tal-Qorti diversament preseduta datat 6 ta’ Mejju, 2019 fejn cahdet it-talba;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar is-26 ta' Frar, 2019 fejn permezz tieghu talbet inter alia li l-Qorti tahtar espert tal-kalligrafija sabiex janalizza u jistabilixxi jekk il-firma li tidher fuq l-iskrittura hijiex il-firma taghha, rat ir-risposta tal-intimati ntavolata nhar l-20 ta' Marzu, 2019 u rat id-digriet tal-Qorti datat 6 ta' Mejju, 2019 a fol. 186 tal-process fejn laqghet it-talbiet kif dedotti;

Rat ir-rapport tal-espert kalligrafiku Joseph Mallia a fol. 211 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar l-10 ta' Settembru, 2010 fejn permezz tieghu talbet li tawtorizzha tezebixxi xi dokumenti stante li huwa mehtieg u utili ghall-kawza odjerna, rat ir-risposta tal-intimati tad-9 ta' Ottubru, 2020 u rat id-digriet tal-Qorti moghti fl-14 ta' Ottubru, 2020 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat fl-14 ta' Ottubru, 2021 fejn talbet li jigu esebiti dokumenti relatati ma' merger ta' diversi supermarkets fosthom dak Tower Supermarket, rat ir-risposta tal-intimati ntavolata fil-31 ta' Jannar, 2022 u rat id-digriet tal-Qorti datat 3 ta' Frar, 2022 fejn cahdet it-talba u ordnat l-isfilz tal-istess dokumenti li gew esebiti mar-rikors;

Rat illi fil-verbal datat 18 ta' Jannar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti:</u>**

Illi r-rikorrenti Diane Zammit hija mparentata mal-intimati Mark u Philip Borg billi lkoll huma ahwa, wlied Carmelo u Maria Assunta konjugi Borg.

Il-kwistjoni kollha fir-rikors guramentat odjern hija fuq in-negozju *Tower Self Service* li kien konsistenti f'tip ta' mini-market li kien jigi gestit mill-fond 46 fi Triq it-Torri, Sliema. Ir-rikorrenti tallega li dan in-negozju ta' *Tower Self Service* llum huwa maghruf bl-isem ta' *Tower Supermarket*. Inizjalment in-negozju kien beda bejn Salvatore u Carmelo ahwa Borg. Sussegwentement kien hadu esklussivament f'idejh Carmelo Borg – missier il-partijiet. Carmelo Borg kien gie nieqes fis-26 ta' Lulju, 1994 u kien miet intestat b'dan li l-wirt u successjoni tieghu kien iddevolva fuq martu u t-tmien (8) uliedu.

Jirrizulta li l-partijiet kollha kienu waslu fi ftehim kif ghandu jigi diviz il-wirt u successjoni tal-mejjet Carmelo Borg u nfatti kienet giet iffirmata quddiem in-Nutar Mark Coppini skrittura privata f'dan is-sens datata 5 ta' Settembru, 1994 a fol. 11 et seq tal-process. Fir-rigward in-negozju ta' *Tower Self Service* kien gie maqbul li in kwantu ghat-terz ta' Carmelo Borg, inkluz stock, dan kellu jghaddi f'idejn martu Maria Assunta Borg, filwaqt li Mark Borg u Philip Borg kellhom izommu f'idejhom it-terz kull wiehed

taghhom. Minn din l-iskrittura johrog li f'certu punt in-negozju ma kienx baqa' biss ta' Carmelo Borg pero' kien gie bi shab bejnu u bejn uliedu Mark u Philip fi kwoti ta' terz kull wiehed. Fl-imsemmija skrittura fir-rigward in-negozju gie wkoll maqbul illi:

> '10. The parties agree that in case of transfer of share/s in the said business "Tower Self Service", by appearer Maria Borg, that: (a) said share/s shall first be offered to the other partners Philip and Mark Borg; and (b) said share/s shall be transferred on the basis of a valuation prepared in terms of the audited accounts of the business at the relative period of transfer.'.

In segwitu ghal din l-iskrittura kien gie redatt kuntratt ta' divizjoni datat 5 ta' Dicembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela a fol. 15 et seq tal-process. Fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni l-partijiet kollha kienu hadu parti mill-wirt u successjoni ta' Carmelo Borg. Filwaqt li fir-rigward in-negozju kien gie stipulat illi:

> 'Illi l-partijiet ukoll qedin ghal kull effett tal-Ligi jikkonfermaw l-iskrittura privata li saret bejniethom fil-hamsa ta' Settembru elf disa' mija u erbgha u disghin (5-9-1994) sakemm din tirrigwarda c-cessjoni u ftehiem fuq "*Tower Self Service*" fi Sliema, …'.

Illi Maria Assunta Borg mietet fl-20 ta' Settembru, 2015 u jirrizulta li permezz ta' l-ahhar testment taghha hija nnominat bhala werrieta universali taghha lit-tmien uliedha Monica, Josephine, r-rikorrenti Diane, l-intimati Philip u Mark, Rose, Micol u Emil

ahwa Borg. Ir-rikorrenti ssostni li meta gew ghad-divizjoni tal-wirt u successjoni ta' ommha Maria Assunta Borg, it-terz tan-negozju *Tower Self Service* ma deher imkien tant li lanqas l-ezekutrici testamentarja Micol Borg sive Micol Borg Hefford fl-inventarju redatt skont il-ligi ma ndikat in-negozju bhala wiehed mill-assi tal-mejta Maria Assunta Borg (a fol. 43 et seq tal-process). Kull ma gie ndikat kien is-segwenti:

> '**<u>Pretenzjoni</u>**
>
> Hemm Allegazzjoni ossia Pretenzjoni minn wahda mill-eredi illi d-decujus seta kellha xi dritt u il-hanut Tower Self Service, pero dan ilhu maghluq u salv ghal eredi wahda l-istess eredi ma jhossux li ghandha titiehed xi azzjoni kontra tnejn minn l-eredi li kienu fethu kumpanija bl-istess isem.'

Ir-rikorrenti Diane Zammit issostni li n-negozju li originarjament kien ta' missierha Carmelo Borg baqa' tant jikber tul is-snin li ma baqax jopera mill-istess stabiliment fil-fond numru 46, Triq it-Torri, Sliema pero' beda jopera minn go stabiliment ferm akbar bl-isem Tower Supermarket gewwa High Street, Sliema u dan anki meta ommha Maria Assunta Borg kienet ghadha hajja.

Ir-rikorrenti ghaldaqstant intavolat din il-kawza fejn qed titlob fost affarijiet ohra li jigi dikjarat li t-terz indiviz ta' ommha Maria Assunta Borg fin-negozju Tower Self Service li llum huwa maghruf bl-isem Tower Supermarket jappartjeni in kwantu ghal sehem indiviz ta' wiehed minn tmienja ta' terz lilha. Talbet li jigi dikjarat li l-intimati jew min minnhom qed jiksru d-drittijiet taghha billi qed icahduwha milli jkollha pussess ta' dak is-sehem li

jappartjeni lilha min-negozju. Talbet ukoll li jigi likwidat it-terz indiviz taghha tan-negozju Tower Self Service li llum huwa maghruf bhala Tower Supermarket u finalment tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu somma ekwivalenti ghal wiehed minn tmienja ta' terz mill-assi hekk likwidati li jikkorrispondi ghas-sehem appartenenti lilha minn dak in-negozju.

Illi l-intimati jeccepixxu li n-negozju ta' Tower Self Service li kien jigi gestit mill-fond 46 fi Tower Road, Sliema kien inghalaq u gie xolt *ope legis* bl-gharfien ta' Maria Assunta Borg. Jispjegaw illi ftit wara l-mewt ta' missierhom Carmelo Borg kienu holqu kumpanija sabiex tiehu over l-gestjoni tal-hanut u stiednu lill-ommhom Maria Assunta Borg sabiex tidhol maghhom madanakollu hija nfurmathom li ma kelliex interess u rtirat minnu. Eccepew ukoll li l-attrici u lanqas ommha ma kellhom jew ghandhom xi sehem minn Tower Supermarket jew min-negozju gestit fih, liema proprjeta' hija ta' terzi. Jispjegaw illi wara li kienu waslu ghal konkluzjoni li n-negozju ma kienx baqa' vijabbli huma ddecidew li jifthu kumpanija gdida flimkien ma' terzi u bdew joperaw minn gewwa binja tal-Car Park li hemm f'High Street, Sliema. Isostnu li dan in-negozju ma kellu x'jaqsam xejn mal-grocer originali. Bhala t-tielet eccezzjoni l-intimati eccepew illi r-rikorrenti bhala werrieta ta' ommha Maria Assunta Borg hija marbuta b'dak li setghet ghamlet jew naqqset milli taghmel l-istess Maria Assunta Borg. Eccepew ukoll li kull azzjoni ghall-likwidazzjoni ta' xi sehem jew qligh jew ghall-ghoti ta' rendikont jinsab preskritt bid-dekors tat-terminu ta' hames snin. Finalment eccepew illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

**<u>Ir-raba eccezzjoni – preskrizzjoni:</u>**

Illi l-intimati fir-raba' eccezzjoni taghhom jeccepixxu li kull azzjoni ghall-likwidazzjoni ta' xi sehem jew qligh jew ghall-ghoti ta' rendikont jinsab preskritt bid-dekors tat-terminu ta' hames snin. Fil-verbal tal-25 ta' Jannar, 2018 a fol. 37 tal-process Dr John Refalo ghall-intimati ddikjara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jigi nnutat li r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha taghmel sottomissjonijiet unikament fuq il-fatt li ma giex indikat l-artikolu tal-Ligi, meta effettivament kif indikat fil-paragrafu precedenti dan kien gie ndikat f'verbal waqt seduta.

Dan premess, gie stabbilit gurisprudenzjalment li min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju. Hekk difatti nghad fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell deciza fl-4 ta' Dicembru, 1987 fl-ismijiet **Causon -vs- Sheibani noe** illi:

> 'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le.'

Il-Qorti rat li kemm fl-atti kif ukoll ta' sottomissjonijiet l-intimati naqsu milli jindikaw minn meta suppost beda jiddekkori l-perijodu ta' preskrizzjoni sabiex din il-Qorti tkun tisa' taghmel il-kalkoli taghha.  Fil-fatt din l-eccezzjoni da parti tal-intimati thalliet

ferm vaga ma jistax jitqies li giet sufficjentement pruvata. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

**<u>Ikkunsidrat;</u>**

Illi mit-talbiet tar-rikorrenit jirrizulta li hi qed titlob dikjarazzjoni li n-negozju bl-isem 'Tower Self Service' huwa llum maghruf bl-isem 'Tower Supermarket' - b'dan li ssostni allura li hija ghandha sehem indiviz minnu. Din il-Qorti ghalhekk ser tinvestiga jekk mill-atti jirrizultax li n-negozju li kien maghruf bhala 'Tower Self Service' huwiex dak li llum igib l-isem ta' 'Tower Supermarket'. Fl-eventwalita' li jirrizulta lill-Qorti li 'Tower Self Service' m'huwiex l-istess negozju gestit fit-'Tower Supermarket' it-talbiet tar-rikorrenti huma destinati li jfallu.

Il-Qorti rat li l-intimati fl-ewwel eccezzjoni taghhom jeccepixxu li la r-rikorrenti u lanqas ommha qabilha ma kellhom jew ghandhom xi sehem f' 'Tower Supermarket' jew min-negozju gestit fih u jsostnu li l-proprjeta' hija ta' terzi.

Il-Qorti rat li r-rikorrenti Diane Zammit dwar in-negozju fl-affidavit taghha a fol. 39 et seq tal-process tghid illi:

> 'Permezz ta' l-Avukati taghhom, huti Philip u Mark qed jghidu wkoll li dan in-negozju gie likwidat u ma hemm l-ebda negozju bl-isem *Tower Self Service*. Jien ma nafx x'ghamlu huti ghaliex ma jridux jghadduli l-informazzjoni relattiva, pero' li naf fic-cert hu li n-negozju li fetah missieri altru milli ghadu jezisti, ghaliex ghadu miftuh, ghalkemm

kif gia spjegajt mar in-naha l-ohra tat-triq. Kull ma ghamlu huti, bidlulu ftit l-isem ghal *Tower Supermarket* u biddlu l-post minn fejn joperaw, bi ftit metri.'

Illi l-Qorti tinnota li fix-xiehda taghha r-rikorrenti gia telenka zewg distinzjonijiet bejn in-negozji 'Tower Self Service' u 'Tower Supermarket' billi tghid illi:

i. inbidel il-lok tan-negozju;
ii. inbidel l-isem.

Il-Qorti fliet il-provi esebiti f'dan ir-rigward fl-atti fejn jirrizulta s-segwenti:

1. **Lok tan-negozju** – illi r-rikorrenti tittenta tizvaluta l-kwistjoni tal-bdil tal-lok tan-negozju bhal li kieku l-ambjent tan-negozju ta' 'Tower Self Service' huwa l-istess bhal dak ta' 'Tower Supermarket'.

   Jirrizulta li filwaqt li n-negozju 'Tower Self Service' kien jopera fi Triq it-Torri, Sliema u kien limitat fl-ispazju billi kien zghir ekwivalenti ghal mhux ikbar mill-awla u nofs tal-Qorti (hekk kif deskritt minn l-intimat Mark Borg fil-kontro-ezami tieghu a fol. 386 et seq tal-process) il-proprjeta' minn fejn huwa gestit 'Tower Supermarket' hija ferm u ferm akbar.

   Il-Qorti rat li r-rikorrenti permezz ta' nota tas-6 ta' Gunju, 2019 a fol. 195 et seq prezentat a pjanta allegatament tal-fond 46, Triq it-Torri, Sliema. Madanakollu l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jindikaw li effettivament dik il-

pjanta tindika zewg fondi u mhux fond wiehed – tindika l-fondi 46 fi Triq it-Torri u dak bin-numru 2 fi Triq Tigne, Sliema cioe' tinkorpora fond iehor li kienu krew l-intimati u ghaqdu mal-fond originali. Infatti fl-atti a fol. 131 tal-process giet esebit ricevuta tal-hlas tal-kera taz-zewg fondi msemmija mahruga minn George Laferla. Minn din l-ircevuta jirrizulta allura wkoll li l-fond 46, Triqi t-Torri, Sliema kien mikri ai fini tan-negozju 'Tower Self Service' u mhux kien proprjeta' tan-negozju jew tal-familjari nvoluti. Jikkonsegwi wkoll li originarjament allura l-fond 46 fi Triq it-Torri, Sliema kien ferm izghar minn kif jidher fil-pjanta annessa a fol. 204 tal-process. Il-Qorti tirrileva wkoll li minn din l-ircevuta allura jirrizula wkoll li s-socjeta' 'Tower Foods Ltd. proprjeta' biss taz-zewg intimate baqghet topera mill-fond originarjament mikri lin-negozju ta' missier u wara omm ir-rikorrenti.

Min-naha l-ohra izda jirrizulta li 'Tower Supermarket' jopera minn High Street, Sliema u huwa kumpless enormi mifrux fuq diversi sulari.

2. **<u>L-isem tan-negozju</u>** - illi huwa car li l-isem taz-zewg negozji m'huwiex l-istess fejn wiehed huwa 'Tower Self Service' u l-iehor huwa 'Tower Supermarket'.

Ir-rikorrenti tittenta targumenta li ghalkemm l-isem huwa divers l-uzu tal-kelma 'Tower' huwa l-istess b'dan li bil-kelma 'Tower' il-konnotazzjoni twassal ghan-negozju li kien hemm fi Triq it-Torri, Sliema. Il-Qorti tifhem li jista' jaghti l-kaz li l-kelma 'Tower' tigi assocjata ma' individwi jew ma' lok, pero' ma taqbilx li semplicement bl-uzu tal-kelma

'Tower' hemm kontinwazzjoni tan-negozju precedenti. Dan tenut kont ukoll li malli tohrog mill-fond 'Tower Supermarket' llum il-gurnata ftit l-passi l-boghod tizbokka xorta wahda gewwa 'Tower Road'. Bl-argument tar-rikorrenti kull negozju f'tas-Sliema li b'xi mod jaghmel referenza ghall-kelma 'Tower' ghax jinsab f'Tower Road jew fil-vicinanzi hija ghandha sehem minnu!

3. **Generu u klijentela** – mill-atti l-Qorti rat li 'Tower Self Service' kellu l-kuncett ta' mini-market/grocer fejn fih individwu/turist seta' jsib dak l-aktar bzonnjuz. Ir-rikorrenti fl-affidavit taghha a fol. 39 et seq tal-process tghid illi:

> 'Il-hanut ta' missieri kien wiehed mill-ewwel hwienet li adotta l-kuncett ta' *self-service* fejn konna nbieghu kwazi kollox, minn laham tal-friza, haxix u frott, *preserves*, *delicatessen*, bottijiet, arloggi, *toiletries* u sa anke helu. Insomma konna nbieghu kollox li issib fis-*supermarkets* tal-lum.'.

Jirrizulta li 'Tower Supermarket' ukoll ihaddan l-istess principju ta' self-service pero' fuq skala ferm akbar u joffri varjeta' ferm aktar wiesa' ta' prodotti, zgur hafna aktar mill-mini-market/grocer li kien jigi gestit fil-fond 'Tower Self Service';.

Ir-rikorrenti tallega li 'Tower Supermarket' kellu l-istess klijentela tat-'Tower Self Service' madanakollu fl-atti ma resqet l-ebda prova dwar dan.

4. **<u>Licenzji</u>** - Fir-rigward il-licenzji li necessarji sabiex in-negozji joperaw jirrizulta pruvat li l-licenzji tal-fond 'Tower Self Service' kienu differenti minn dawk ta' 'Tower Supermarket'. Infatti l-Qorti rat li l-licenzji ta' 'Tower Supermarket' kienu minn dejjem fuq isem Simon Stilon ta' CC Commercial Projects Ltd u li sussegwentement dawn gew trasferiti fuq isem l-intimat Philip Borg.

Dwar il-licenzji fil-kawza xehdet ukoll Amanda Cassar, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Kummerc a fol. 351 et seq tal-process. Din ix-xhud esebiet kopja tal-licenzja ta' Tower Supermarket' flimkien ma' kopja ta' ittra datata 12 ta' Novembru, 2008 li skontha d-direttur tat-Trade Services kien qieghed jikkonferma li gie nfurmat li Philip Borg kien akwista s-Supermarket u li kienet qieghda tintbghat formola sabiex timtela u jkun jista' jsir it-trasferiment necessarju.
Hekk tghid l-ittra:

> 'Dear Mr Borg,
>
> We have been informed by Mr. Simon Stilon,that the supermarket has been sold to your goodself. Consequently I am enclosing with this letter a transfer form so that the necessary transfer could take place.'

A fol. 358 jirrizulta mic-certifikat esebit li originarjament il-licenzja ta' 'supermarket' li llum huwa gestit bhala 'Tower Supermarket' mill-kumpanija Tower Supermarkets Complex Ltd. kienet issejjah lil socjeta' ohra estranea ghal dawn il-proceduri bl-isem ta' Commercial Projects Ltd. bl-indirizz

Levels 3,2 & 1 at the Sliema Car Part, No 16, Triq il-Kbira, Sliema. Din sussegwentement giet trasferita favur il-kumpanija Tower Supermarkets Complex Ltd. kif jinghad fl-ittra suesposta. Din il-licenzja tindika li qed tawtorizza 'Supermarket'.

Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-licenzja ta' 'Tower Self Service' kienet diversa minn dik kwotata fil-paragrafu precedenti. Il-Qorit rat it-xiehda ta' WPS131 Nicolette Attard fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2018 fejn a fol. 148 esebiet kopja tal-file tal-pulizija kollu relattiv. Jirrizulta li l-licenzja kienet li mill-fond bl-isem 'Tower Self Service Store, f'46 Tower Road, Sliema seta' jinbiegh is-segwenti:

> '…to sell groceries, preserved foodstuffs in tins, packets and jars, mineral waters by bottle, fruit, vegetables, eggs, frozen fish, frozen vegetables, frozen chicken, cigarettes, smoking requisites, imported confectionary, imported sweets, detergents soap in packets at Tower Self Service Store, 46, Tower Road, Sliema.'.

Il-Qorti rat ukoll li fil-31 ta' Dicembru 1998 (fol. 137) din il-licenzja kienet issejjah lil Salvatore Borg 'for the firm Salvatore Borg & Carmel Borg' u minn dejjem kienet turi l-indirizz 46, Tower Road, Sliema u l-isem 'Tower Self Service Store'. A fol. 143 giet esebita dikjarazzjoni li ggib id-data 30 ta' April, 1999 fuq letter head ta' 'Tower Foods ….supermarket' bl-indirizz 46, Tower Road, Sliema SLM 16 li tawtorizza lil Philip Borg sabiex jitrasferixxi din il-

licenzja f'ismu ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tower Foods Ltd. Il-Qorti tqis ghalhekk illi kieku kellha tapplika l-argument tar-rikorrenti li z-zewg negozji huma wiehed kontinwazzjoni tal-iehor allura kellu jirrizulta mill-atti li hija din il-licenzja li giet trasferita u qed tigi uzata minn Tower Supermarkets Complex Ltd biex topera t-'Tower Supermarket' u mhux licenzja kompletament differenti, separata u distinta fid-dettalji u derivazzjoni taghha.

5. **<u>VAT numru</u>**: Il-Qorti rat li flimkien mal-affidavit ta' Mark Borg gew ezebiti zewg kopji tal-VAT 'certificate' kemm ta' 'Tower Self Service', kif ukoll 'Tower Supermarket' minn fejn allura jirrizulta li z-zewg entitajiet ghandu VAT numru differenti u anki indirizzi differenti. A fol 347 il-vat numru mahrug favur il-kumpanija Tower Foods Ltd jindika l-indirizz 46, Tower Self Service, Triq it-Torri, Sliema SLM 16. A fol. 348 il-vat numru mahrug favur il-kumpanija Tower Supermarkets Complex Ltd. jidher li huwa fuq l-indirizz Tower Supermakets Complex, Triq il-Kbira, Sliema SLM 16.

6. **<u>Kontijiet tan-negozju</u>** – Fil-kawza xehdet Claudette Fenech rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji a fol. 360 et seq tal-process fejn fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2020 esebiet il-file pubbliku kollu tal-kumpanija 'Tower Supermarket Complex Limited'. Minn dawn id-dokumenti jirrizultaw il-'financial statements ' kollha tul is-snin minn fejn wiehed jista' facilment jistabbilixxi li effettivament din il-kumpanija m'ghandha assolutament xejn x'taqsam man-negozju 'Tower Self Service' u mal-indirizz 46, Triq it-Torri, Sliema.

7. **Azzjonisti** – Illi mill-atti jirrizulta wkoll li apparti l-intimati Philip Borg u Mark Borg, hemm azzjonisti ohra li kkontribwew billi investew fin-negozju ta' 'Tower Supermarket' li huwa proprjeta' tas-socjeta' 'Tower Supermarket Complex Limited'. Dan gie wkoll konfermat mill-intimat Mark Borg fl-affidavit tieghu a fol. 325 et seq fejn stqarr:

> '…Dan kollu sar b'kapital li investejna jiena u Philip u sussegwentament billi nghaqqadna ma shareholders ohra li ukoll ghandhom investimenti f'Supermarkets. Evidentement business ta' dan it-tip kien jirrijkjedi investiment qawwi li dakinhar ma stajniex nidhlu ghalih wahedna.'

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

Illi r-rikorrenti Diane Zammit esebiet diversi rivisti a fol. 198 et seq tal-process u ohrajn li gew sfilzati. Fuq dawk li nzammu bhala prova fl-atti r-rikorrenti tindika diversi partijiet fejn l-intimat Philip Borg jaghmel referenza ghan-negozju tal-familja bl-intent li tindika li n-negozju 'Tower Supermarket' huwa l-istess li kien maghruf bl-isem ta' 'Tower Self Service'. Il-Qorti jkollha tammetti li min kiteb dawn l-artikoli ftit li xejn beda jiddistingwi bejn iz-zewg negozji. Evidentement ukoll l-intimat Philip Borg ghamel referenza ghall-istorja tal-familja tieghu fil-gestjoni ta' negozji simili u r-raguni hija evidenti sabiex jindika li ghandu esperjenza fit-tul f'dan is-settur. Ghandu jinghad izda li legalment kliem f'rivista certament ma jistghux jittiehdu bhala prova li negozju

huwa proprjeta' ta' persuna u mhux ta' ohra wisq anqas jitrasferixxi xi dritt ta' proprjeta' lil terzi.

Il-Qorti anzi zzid li bir-rivisti li gew esebiti hija aktar tikkonvinci lilha nfisha li z-zewg negozji m'ghandhom assolutament xejn x'jaqsmu ma' xulxin. Filwaqt li 'Tower Self Service' kien semplicement negozju gestit mill-intimati flimkien ma' missierhom b'parametri limitati ta' qligh u b'ligi applikabbli differenti minn dik applikabbli ghall-kumpaniji b'responsabilta' limitata, 'Tower Supermarket' huwa rizultat ta' nvestiment li sar pemezz ta' kumpanija b'responsabilita' limitata li hi kompletament estranea bl-isem ta' 'Tower Supermarkets Complex Ltd.'

Il-Qorti mill-atti rat li dak li se mai l-intimati setghu hadu maghhom minn negozju ghall-iehor kienet l-esperjenza taghhom ta' bosta snin fis-settur izda certament mhux in-negozju per se kif qed talludi r-rikorrenti.

Illi l-Qorti in vista ta' dak kollu suespost, ma tqisx li gie pruvat li n-negozju 'Tower Self Service Store' b'xi mod gie nkorporat fin-negozju 'Tower Supermarket' b'dan li ma jirrizultax li r-rikorrenti Diane Zammit ghandha xi sehem fl-ishma tas-socjeta' Tower Supermarkets Complex Ltd. li tiggestixxi 'Tower Supermarket' llum u recentement (sabiex ma jinghatax lok ghal konfuzjoni) sar maghruf bhala 'Wellbee's' f'High Street jew Triq il-Kbira, Sliema. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ahwa Borg.

**<u>Is-sehem ta' terz indiviz ta' Maria Assunta Borg f'Tower Self Service:</u>**

Illi r-rikorrenti Diane Zammit iggib is-sahha tal-argumenti taghha fir-rigward is-sehem ta' terz indiviz ta' ommha Maria Assunta Borg fuq l-iskrittura tal-5 ta' Settembru, 1994 (fol. 11) u l-kuntratt ta' divizjoni tal-5 ta' Dicembru, 1998 (fol. 15). A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghall-partijiet ikkwotati taht is-sezzjoni '**<u>Fatti:</u>**'.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti ssostni li, l-argumenti tal-intimati li ommhom irrinunzjat ghal sehmha min-negozju 'Tower Self Service', ftit wara li giet iffirmata l-iskrittura tal-5 ta' Settembru, 1994 ma b'dan li ma kellha l-ebda sehem fis-socjeta` Tower Foods Ltd. li giet inkorporata wara, ma jaghmilx sens ghaliex li kieku gara hekk ma kienx ikun hemm il-bzonn li terga ssir referenza ghal din l-iskrittura fil-kuntratt ta' divizjoni ffirmat fil-5 ta' Dicembru, 1998.

Illi min-naha tal-intimati Mark u Philip ahwa Borg fit-tieni eccezzjoni taghhom jeccepixxu li n-negozju maghruf bl-isem 'Tower Self Service Store' li kien jigi gestit mill-fond numru 46 fi Tower Road, Sliema, u f'liema r-rikorrenti tghid li ghandha sehem, inghalaq u gie xolt *ope legis* u fi kwalunkwe kaz bl-gharfien ta' ommhom Maria Assunta Borg. Imbaghad l-intimat Mark Borg fl-affidavit a fol. 325 et seq tal-process jghid illi:

> '3. Pero jiena u Philip dejjem kellna l-intenzjoni li noperaw tramite kumpanija kummercjali u f'dan ir-rigward ikkonsultajna mal-mama. Il-mama qaltilna li ma kienitx

interessata fin-negozju u li stajna naghmlu li rridu. Tatna l-barka taghha biex nibdew noperaw taht il-kappa ta' kumpanija kummercjali. Fil-fatt fit-28 ta' Novembru 1994 rregistrajna a kumpannija jisimha Tower Foods Limited u qieghed nezebixxi kopja tal-memorandum and articles ta' dak iz-zmien (MB1).'.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-intimati jaghmlu distinzjoni bejn il-kuncett ta' 'socjeta' u l-kuncett ta' 'partnership' u jghidu li r-relazzjoni mal-omm kien dak ta' 'socjeta'. Jispjegaw illi l-kuncett ta' shubija f'negozju huwa regolat mit-Titolu X tat-Tieni Taqsima, Tieni Ktieb tal-Kodici Civili 'Fuq il-Kuntratt ta' Socjeta'' u f'dan ir-rigward jikkwotaw l-Artikolu 1644 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

> '1644. Is-soċjetà hija kuntratt li bih tnejn min-nies jew iżjed jiftiehmu li jqiegħdu xi ħaġa in komun, sabiex jaqsmu l-qligħ li b'hekk jistgħu jieħdu.'.

Jispjegaw li l-Artikolu 1670 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi l-mod kif socjeta' tispicca u jikkwota minnu l-aktar partijiet ta' rilevanza ghal kaz odjern. Jindika s-segwenti:

> '1679. Is-soċjetà tispiċċa –
> (b) billi jispiċċa l-fond tas-soċjetà, jew bit-tmiem tal-affari li għaliha s-soċjetà tkun saret;
> (ċ) bil-mewt ta' wieħed mis-soċji;
> (e) bid-dikjarazzjoni ta' wieħed mis-soċji li hu ma jridx jissokta fis-socjetà.'.

Jispjegaw ukoll li s-socjeta' bl-isem Tower Self Service li huma kellhom flimkien ma' ommhom spicca hekk kif din tal-ahhar irtirat minnha b'dan li huma fethu negozju gdid li kien gestit mill-kumpanija Tower Foods Limited.

Illi fir-rigward il-kronologija ta' kif graw l-affarijiet da parti tal-intimati jirrizulta li ftit wara l-iffirmar tal-iskrittura tal-5 ta' Settembru, 1994 precizament fit-28 ta' Novembru, 1994 giet iffurmata s-socjeta' Tower Foods Limited li kienet qieghda tiggestixxi n-negozju Tower Self Service (ara memorandum and articles of association a fol. 328 et seq tal-process) fejn l-unici azzjonisti kienu l-intimati. Ftit taz-zmien wara kienu kabbru l-lok tan-negozju billi kienet giet l-opportunita' li jiehdu b'kera l-hanut biswit li qabel kien jintuza bhala hairdresser. Madanakollu xi zmien wara nhass li l-*grocer* ma kienx ghadu jilhaq l-ghanijiet tieghu u ghalhekk kienu ghalquh.

Il-Qorti temmen li jezistu zewg istanzi kif gie mwaqqaf in-negozju ta' Tower Self Service. Primarjament il-Qorti temmen il-verzjoni tal-fatti li kienet l-mejta Maria Assunta Borg innifisha li ddikjarat li ma riditx tissokta fin-negozju. Fl-atti ma gewx prezentati provi dokumentarji li jindikaw li l-mejta Maria Assunta Borg kellha xi ntrojtu minn negozju la qabel u lanqas wara l-kuntratt ta' divizjoni tal-5 ta' Dicembru, 1998 (fejn fih l-ahhar li saret referenza ghall-iskrittura tal-5 ta' Settembru, 1994). Il-Qorti temmen li bejn l-iffirmar tal-kuntratt ta' divizjoni u d-data tal-mewt ta' Maria Assunta Borg ghaddew numru ta' snin u sejjew numru ta' avvenimenti, fosthom li n-negozju waqaf jopera, bil-konsegwenza li nghalqu il-fondi 46 fi Triq it-Torri, Sliema u 2 fi Tigne Street, Sliema. Il-Qorti tqis illi kieku ma kienx hemm il-kunsens ta' Maria

Assunta Borg sabiex jieqaf jopera n-negozju zgur li kien ser ikun hemm xi forma ta' ritaljazzjoni da' parti tal-istess Maria Assunta Borg – li kif tikkonferma r-rikorrenti kienet fi stat tajjeb ta' sahha mentali.

Apparti dan, l-Qorti temmen ukoll li meta gie fi tmiemu n-negozju u l-fondi 46 fi Triq it-Torri, Sliema u 2 fi Tigne Street, Sliema ghalqu l-bibien ghan-negozju ta' mini-market/grocer dakinhar in-negozju gie fi tmiemu b'dan li ma kienx ghad fadal terz indiviz appartenenti lil Maria Assunta Borg. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' wkoll it-tieni eccezzjoni tal-intimati.

Illi in konkluzjoni l-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat fl-atti li fil-mument li n-negozju gewwa 46, Triq it-Torri, Sliema beda jigi gestit mis-socjeta' Tower Foods Ltd., li l-ishma taghha kienu proprjeta' biss tal-intimati u dan sar konsegwenti ghall-kunsens ta' omm il-partijiet Maria Assunta Borg, in-negozju precedenti bejn l-intimati u  ommhom Maria Assunta Borg gie fix-xejn u ma baqax jezisti. La darba dan ma baqax jezisti r-rikorrenti ma setghet qatt tiret xi sehem ta' proprjeta' li ma kinitx tezisti mal-mewt ta' Maria Assunta Borg.

**<u>Rapport kaligrafiku:</u>**

Fir-rigward il-kwistjoni tal-firma tar-rikorrenti Diane Zammit il-Qorti tqis li la darba gie stabilit li 'Tower Supermarket' m'huwiex l-istess negozju li kien maghruf bl-isem 'Tower Self Service' u li essenzjalment in-negozju 'Tower Self Service' kif gestit mill-intimati u ommhom  gie terminat bl-gharfien u kunsens ta' Maria Assunta Borg, l-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha

oltre fl-investigazzjoni ta' firem gjaladarba dan ma jaghmel l-ebda differenza fuq l-ezitu tal-kaz odjern.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza bil-mod segwenti:

1. Tichad ir-raba' eccezzjoni tal-intimati dwar il-preskrizzjoni;

2. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez interament a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju, 2022**